# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 23 ta' Frar, 2017**

**Talba Nru: 554/2016 PM1**

**Go p.l.c.**
**(C 22334)**

**Vs**

**Biagio Schembari**
**(ID 0058844A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Novembru, 2016 illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' hames mija, sebghin ewro u sebgha u sebghin centezmi (€570.77) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni li gew prestati mis-socjeta' attrici lill-konvenut fuq l-akkont li jgib in-numru AC40169090 liema somma il-konvenut baqa' ma hallasx minkejja diversi interpellazzjonijiet, bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezenti rikors kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-20 ta' Frar, 2017 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra d-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba inkluz l-affidavit ta' Charmaine Wiffen (fol. 13 tal-process) u l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tal-20 ta' Frar, 2017 u fil-fatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija u sebghin euro u sebgha u sebghin centezmi (€570.77) in konnessjoni ma' servizzi elettronici ta' komunikazzjoni prestati mis-socjeta' attrici lill-istess konvenut bl-ispejjez u drittijiet u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-istess konvenut.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**